# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-12 ta' Marzu, 2018.**

**Rikors Numru 241/2018/1**

**Fl-atti tal-Mandat t'inibizzjoni fl-ismijiet:**

***Cottoxil Limited***
**(C – 65780)**

**vs.**

***Beachfront Limited***
**(C – 52036)**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors guramentat promotur datat it-13 ta' Frar, 2018, (ara foll 1);

2.0. Regghet rat id-digriet provizorju taghha li wkoll igib l-istess data indikata fil-paragrafu precedenti, (ara foll 1 u foll 137), li permezz tieghu:

2.1. Iddikjarat li rat l-imsemmi rikors promotur;

2.2. Laqghet provizorjament it-talbiet kontenuti fl-istess rikors promotur;

2.3. Ordnat in-notifika tal-istess lis-socjeta` intimata ghar-risposta taghha fit-termini hemm indikat;

2.4. Appuntat l-istess rikors promotur ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata;

3. Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` intimata datata l-20 ta' Frar, 2018, (ara foll 138);

4. Ezaminat id-dokumenti kopjuzi esebiti mis-socjetajiet kontendenti;

5. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fir-rigward;

Ikkunsidrat:

6. Illi l-ghan ta' hrug ta' Mandat t'Inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista tirreka hsara lill-parti li tissottometti din it-talba;

7.0. Illi ghalhekk hu mehtieg li minn jintavola din it-talba juri zewg (2) hwejjeg essenzjali, senjatament:

7.1. Li tali mandat hu mehtieg biex jitharsu d-drittijiet minnu pretizi; u

7.2. Li mad-daqqa t'ghajn – *in prima facie* - ikun jidher li ghandu dawn id-drittijiet;

8. Illi r-rekwiziti riferiti fil-paragrafu precedenti huma mehtiega oggettivament, peress li mhumiex soggettivament dipendenti mid-diskrezzjoni tal-gudikant;

9. Illi konsegwentement, ghall-finijiet ta' tali mandat, tali dritt hekk allegat, jew jidher mad-daqqa t'ghajn jew, fin-nuqqas tal-istess kwalifika, ma jezistix;

10. Illi *di piu`*, l-imsemmija zewg (2) rekwiziti huma ta' natura kumulattiva u mhumiex alternattivi ghal xulxin;

11. Illi ghalhekk, jekk wiehed minn dawn iz-zewg (2) rekwiziti ma jezistix, il-qorti kolpita b'tali ezami hi obbligata li tirrespingi tali talba ghall-hrug tal-mandat in dizamina;

12. Illi jigi sottolineat ukoll li l-procedura in dizamina hi wahda sommarja billi mhux mistenni li fil-limiti ta' din il-procedura parikolari u specjali jitressaq quddiemha dak li jkun mistenni jitressaq quddiem il-qorti kolpita bis-smigh tal-kawza fuq il-mertu dwar l-istess drittijiet;

13. Illi in effetti, din il-procedura hawn processata hi mezz procedurali eccezzjonali ferm differenti minn procedura fuq il-mertu veru u proprju;

14. Illi ghalhekk, il-fatt li talba ghall-hrug ta' tali mandat t'inibizzjoni tintlaqa', ma jfissirx li l-jedd in dizamina jkun ippruvat fil-mertu;

15. Illi min-naha l-ohra dan lanqas ma jfisser li l-fatt li talb ghall-hrug ta' dan il-mandat ma tintlaqax allura jkun ifisser li dan id-dritt pretiz ma jezistix;

Ikkunsidrat:

16.0. Illi minn ezami tar-rizultanzi jirrizulta sintetikament is-segwenti:

16.1. Illi s-socjeta` rikorrenti hi azzjonista fis-socjeta` intimata;

16.2. Illi permezz tar-rikors guramentat promotur qed titlob li s-socjeta` intimata tigi inibita milli tohrog ishma addizzjonali, (ara foll 1);

16.3. Illi min-naha taghha s-socjeta` intimata issosstni li ghamlet sejha ghall-hrug t'ishma godda billi ghandha bzonn t'injezzjoni ta' kapital biex tkun tista' thaddem dan il-kapital fi swieq esteri fl-ahjar interess tal-istess socjeta`, liema injezzjoni ta' kapital kellha ssir permezz ta' hrug ta' ishma, (ara foll 115);

Ikkunsidrat:

17. Illi s-socjeta` rikorrenti tippremetti li s-socjeta` intimata ghandha 10% tal-ishma fil-kumpanija *Discovery Portugal Real Estate Management S.A.*, (minn issa 'l quddiem *Discovery*), li hi socju generali fil-fond *SCA – SICAV – SIF*;

18. Illi l-istess *Discovery* thallas *management fee* annwali bbazat fuq il-valur tal-fond, (ara foll 2);

19. Illi ssosstni ukoll li dan il-fond thallas *management fee* lis-socjeta` *Explorer Investments SCR SA*, (ara foll 2);

20. Illi min-naha taghha s-socjeta` intimata ssosstni li s-socjeta` *Explorer Investments* hi biss *investment adviser*, mhux *manager* ta' *Discovery*, (ara foll 138);

21. Illi s-socjeta` intimata ssosstni wkoll li jekk il-valur tas-socjeta` *Discovery* jonqos, jonqsu wkoll il-pagamenti minnha dovuti;

Ikkunsidrat:

22. Illi s-socjeta` rikorrenti ssosstni li l-10% li s-socjeta` intimata ghandha fis-socjeta` *Discovery* huma ishma li jaghtu dritt lis-socjeta` intimata li tiehu d-dividenti kwazi kollha li tiddistribwixxi l-istess socjeta` *Discovery*, (ara foll 5);

Ikkunsidrat:

23. Illi f'dan l-istadju ssir referenza ghall-*Objects Clause* tas-socjeta` *Beachfront Limited* minn fejn dak li tghid is-socjeta` rikorrenti ma jirrizultax konfortat *ai termini* tal-artiklu 4, (ara foll

151), senjatament meta ssostni li l-uniku skop li ghalih twaqqfet is-socjeta` *Beachfront Limited* kien biex tiddistribwixxi d-dividenti lill-azzjonisti taghha, (ara foll 5);

24. Illi ssir ukoll referenza ghall-artiklu 18 tal-istatut tas-socjeta` *Discovery*, (ara foll 175), li minn ezami tal-istess jirrizulta assodat li s-socjeta` *Beachfront Limited* m'ghandiex introjtu garantit sas-sena 2032 kif allegat mis-socjeta` rikorrenti, (ara paragrafu numru 4 tar-rikors guramentat promotur a foll 5);

Ikkunsidrat:

25. Illi jigi osservat li ma jirrizulta xejn stran it-tibdiliet fil-*memorandum* u fl-istatut tas-socjeta` *Beachfront* kif allegat mis-socjeta` rikorrenti;

26. Illi f'dan ir-rigward is-socjeta` intimata tirrispondi li l-imsemmija tibdiliet saru regolarment waqt laqgha generali straordinarja ta' *Beachfront*, liema laqgha kienet imsejha kif suppost, permezz t'avviz skritt li intbghat fit-terminu prefiss, (ara foll 139);

27. Illi fir-rigward jirrizulta li kienet l-istess socjeta` rikorrenti li kienet liberament ghazlet li ma tattendix ghall-istess laqgha generali straordinarja riferita fil-paragrafu precedenti;

Ikkunsidrat:

28. Illi skont l-artiklu 85(1)(a) tal-Kapitlu 386 tal-Ligijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem Kap 386), il-bord tad-diretturi tas-socjeta` *Beachfront* hu awtorizzat johrog ishma sal-massimu specifikat fil-*memorandum* jew fl-istatut *de quo*, u dan, ghal perjodu massimu ta' hames (5) snin, liema perjodu jista' jigi mgedded;

29. Illi ghalhekk, fuq bazi ta' *prima facie* ma jirrizulta li hemm l-ebda agir oppresiv, diskriminatorju, jew pregudikanti fil-konfront tas-socjeta rikorrenti mis-socjeta` intimata kif hi tippremetti fil-paragrafu numru 14 tar-rikors guramentat promotur taghha, (ara foll 7);

Ikkunsidrat:

30. Illi jirrizulta li kull wiehed mill-azzjonisti tas-socjeta` rikorrenti jista', jekk irid, jissottoskrivi ghall-ishma fis-socjeta` intimata, u dan, fl-ammonti stabbiliti;

31. Illi jirrizulta wkoll li ishma gew offruti fuq bazi ta' prelazzjoni lill-azzjonisti ezistenti, u dan, fil-proporzjon tal-kapital azzjonarju minnhom mizmum – inkluz is-socjeta` rikorrenti u d-decizjoni li tissottoskrivi ghall-ishma li kienu offruti lilha, (ara foll 115);

Ikkunsidrat:

32. Illi in vista tal-premess, jinghad li allura ma jirrizultax il-pregudizzju rikjamat mis-socjeta` rikorrenti, li s-sehem taghha f'*Beachfront* jigi diluwit, u dan, ghaliex l-istess socjeta` rikorrenti ghandha l-ghazla li taccetta jew li tirrifjuta l-offerta ta' *Beachfront* kif kontenut fl-offerta datata l-5 ta' Frar, 2018, (ara foll 115);

33. Illi jigi osservat li biex is-socjeta` rikorrenti tevita l-pregudizzju minnha allegat jezisti r-rimedju li tissottoskrivi ghall-hrug tal-ishma offruti lilha – kif offruti wkoll lill-azzjonisti ohra;

34. Illi gialadarba s-socjeta` rikorrenti giet offruta l-ishma *de quo* biex tixtrihom, l-allegazzjoni tas-socjeta` rikorrenti li l-ghan wara z-zieda fil-kapital azzjonarju in kwistjoni kien li jizvaluta l-istess ishma tas-socjeta` rikorrenti, ma giex minnha ippruvat skont il-ligi;

35. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghad-digriet ta' din il-qorti kif diversament preseduta fl-ismijiet **Joseph *sive* Beppe Fenech Adami vs. Anthony Borg Cardona *nomine***:

> "... mhux bizzejjed li rikorrent juri li ser isofri xi pregudizzju, izda wkoll li tali pregudizzju jrid ikun irreparabbli; ghax il-qorti ma tohrogx il-mandat t'inibizzjoni meta jkun hemm rimedju adegwat ghar-rikorrent. Irid ikun kif jghid it-test bl-ingliz "*necessary*".

Naturalment, salv dak li jinghad taht is-sub-artiklu 5, il-pregudizzju ma jridx ikun wiehed ta' natura finanzjarja ghax bhala tali dan hu rimedjabbli *purche`* jkun hemm l-assi ghalih";

Ikkunsidrat:

36. Illi ghalhekk, tenut kont tal-fatt li l-ewwel rekwizit fuq delineat, (ara paragrafu numru sebgha punt wiehed, (7.1.), aktar qabel), ma jirrizultax ipprovat, u tenut kont ukoll tal-fatt li r-rekwiziti fuq esposti huma kumulattivi, (ara paragrafi sebgha punt zero, (7.0.), u ghaxra, (10.), aktar qabel), allura ir-rikors guramentat promotur ghandu jigi respint;

37. Illi kif ukoll fuq stabbilit, (ara paragrafu numru tlieta u tletin, (33.), aktar qabel), l-istess rekwizit statutorjament necessarju biex ikun jista' jinhareg il-mandat *de quo* jirrizulta karenti billi hemm rimedju iehor li s-socjeta` rikorrenti tista' tutilizza in sosstenn tal-posizzjoni taghha;

38. Illi konsegwentement, ma jirrizultax li s-socjeta` rikorrenti ghandha fir-rigward xi dritt *in prima facie* biex thares id-drittijiet minnha vantati;

Ikkunsidrat:

39.0. Illi in vista tal-premess tqis li s-socjeta` rikorrenti ma ipprovatx it-talbiet taghha skont il-ligi u konsegwentement:

**DECIDE:**

39.1. Tirrespingi t-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti;

39.2. Takkolji r-risposta tas-socjeta` intimata;

39.3. Tirrevoka ghalhekk *contrario imperio* id-digriet provizorju taghha datat it-13 ta' Frar, 2018;

39.4. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra s-socjeta` rikorrenti.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**